MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 914/2014

**Joseph Grech (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 534363(M)) f'ismu proprju u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' hutu, ilkoll assenti minn dawn il-gzejjer, Antonia Andrews, Josephine Sagrott, Mary Martin, Theresa Ging, Margaret Howard u Lucy Neary**

**vs**

**Carlos Galea**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf ta' Joseph Grech (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 534363(M)) f'ismu proprju u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' hutu, ilkoll assenti minn dawn il-gzejjer, Antonia Andrews, Josephine Sagrott, Mary Martin, Theresa Ging, Margaret Howard u Lucy Neary datat 21 ta' Ottubru 2014 fejn Joseph Grech (detentur tal-karta tal-identitda` bin-numru 534363(M)) bil-gurament tieghu jikkonferma li jaf is-segwenti fatti personalment:

Illi missier ir-rikorrenti kien ta b'titolu ta' lokazzjoni lid-defunt Joseph Galea il-fond bin-numru 29, Triq San Vincenz, Marsa, liema fond kien jikkonsisti fi tlett ikmamar u kien inkera mid-decujus sabiex jpoggi fih diversi affarijiet li kien juza fosthom kaxxi tal-loghob;

Illi fi Frar, 2014 Joseph Galea kien safa maqtul quddiem ir-residenza tieghu fi Triq ix-Xemxija, Marsa;

Illi l-intimat, li jigi iben il-mejjet Joseph Galea qed jippretendi li huwa ghandu dritt joqghod fl-imsemmi fond meta dan qatt ma kien inghata bhala residenza izda biss bhala, mahzen lill-imsemmi Joseph Galea;

Illi r-rikorrenti kiteb lill-intimat sabiex dan johrog mill-fond hawn fuq indikat izda dan qieghed jirrifjuta li jaghmel hekk;

Illi ghalhekk, l-intimat qieghed jiddetjeni dan il-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi u konsegwentement ghandu jigi zgumbrat;

Illi l-esponenti jikkonferma illi jaf il-fatti suesposti personalment u li safejn jaf hu, l-intimat m'ghandux difiza xi jressaq fir-rigward ta' din it-talba;

Illi ghalhekk ir-rikorrenti kellhom jifthu dawn il-proceduri sabiex jottjenu l-izgumbrament ta' l-intimat mill-fond hawn fuq indikat;

Ghaldaqstant jghid l-intimat ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni, ordni u/jew provvediment necessarju u opportun fis-cirkostanzi:

1 Tiddiecied il-kawza bid-dispensa tas-smigh *a tenur* tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-intimat ma ghandu l-ebda dritt ghall-okkupazzjoni tal-fond 29, Triq San Vincenz, Marsa u ghalhekk tiddikjara illi l-intimat qieghed jiddetjeni l-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex jizgumbra mill-fond numru 29, Triq San Vincenz, Marsa, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss;

Bl-ispejjez u bl-interessi skont il-ligi, u b'rizerva ghal kwalsiasi dritt urterjuri spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-13 ta’ Novembru 2014 fid-9:30am., b’ ordni lill-intimati biex jidhru f’ dik il-gurnata u jwiegbu ghat-talba tar-rikorrenti u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti. Ordnat n-notifika tal-avviz tas-smigh tar-rikors lill-partijiet permezz tal-purtier.

Rat illi l-intimat Carlos Galea gie notifikat bil-procedura tal-affissjoni fil-Kunsill Lokali – Marsa u kif ukoll l-Ghassa tal-Pulizija ta’ l-istess lokal fid-19 ta’ Novembru 2014 kif jidher *a tergo* ta’ fol 9 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-16 ta’ Dicembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Vincent Galea ghar-rikorrenti prezenti. Dehret Dr Yanica Bugeja ghall-intimat prezenti li ta ruhu b'notifikat bir-rikors u bl-avviz tas-smigh. Dr Galea pprezenta nota ffirmata minn Carlos Galea. L-istess Carlos Galea ikkonferma bil-gurament li l-firma fuq id-dokument li hu esebit hi l-firma tieghu u hu jaf x'hemm imnizzel. Id-difensuri tal-partijiet qablu li t-terminu ghall-izgumbrament li ghandu jigi ordnat minn din il-Qorti ghandu jkun nofs Jannar 2015.

Il-Qorti qed tilqa' t-talba.

Il-kawza giet posposta ghas-sentenza ghallum stess.

Meta regghet issejhet il-kawza ma deher hadd.

Il-kawza giet deciza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Rat ir-rikors mahluf ta' Joseph Grech *pro et noe* fejn talab lil din il-Qorti sabiex bid-dispensa tas-smigh skont l-Art 167 *et seq* tal-Kap 12 tiddikjara li l-intimat m'ghandu l-ebda dritt biex jokkupa l-fond 29, Triq San Vincenz, Marsa, minghajr ebda titolu validu fil-ligi u tordna l-izgumbrament tieghu li ghandu jigi ordnat lilu perentorjament.

Rat li Carlos Galea prezenta ruhu ghas-seduta odjerna assistit mid-difensur tieghu Dr. Yanica Bugeja u wara li ghadda ruhu b'notifikat bir-rikors mahluf u bl-avviz tas-smigh ammetta t-talbiet. Fl-istess seduta deher Dr. Vincent Galea kif ukoll ir-rikorrenti prezenti li esebixxa nota ffirmata mill-istess Carlos Galea datata 18 ta' Novembru 2014 fejn iddikjara li qed jaqbel mat-talbiet imsemmija u talab xahar zmien biex jivvaka mill-post.

Rat li din in-nota giet ikkonfermata bil-gurament mill-istess Carlos Galea *seduta stante*.

Rat il-verbal fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li l-intimat ghandu sal-15 ta' Jannar 2015 biex jivvaka mill-istess post.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi biex taqta’ u tiddeciedi dwar it-talbiet tal-atturi anke *in visto* tal-ammissjoni tal-istess intimat.

## III. KONKLUZJONI

Ghaldaqstant din i-Qorti wara li rat l-atti tal-kawza u ghall-motivi fuq riferiti, *in visto* tal-ammissjoni tal-intimat, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha u *ai fini* tat-tielet talba tikkundanna lill-intimat biex jizgombra mill-fond 29, Triq San Vincenz, Marsa, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar 2015, liema terminu qed jigi prefiss perentorjament.

Bl-ispejjez jigu sopportati mill-intimat.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------